**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 12 ta' Diċembru, 2019.**

**Rikors Nru. 1202/18 GM**

**Simon Mamo Ltd (C-69899)**

**vs**

**Jerome Mamo (K.I. 23185G)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat tas-soċjeta' attriċi ppreżentat fit-30 ta' Novembru 2018 li permezz tiegħu wara li ppremettiet illi:

Tiġġestixxi negozju ta' Estate Agency bid-ditta 'Simon Mamo Read Estate';

Titmexxa mid-diretturi kollha aħwa, Hugh Mamo, Marcus Mamo, Samuel Mamo u l-konvenut Jerome Mamo;

Id-diretturi suesposti huma wkoll azzjonisti fis-soċjeta' 'Simon Mamo Limited bl-ismha indaqs;

Matul iż-żmien, relazzjonijiet bejn l-konvenut u d-diretturi/azzjonisti l-oħrajn, Hugh Mamo, Marcus Mamo, u Samuel Mamo marru għall-ħazin. Għalhekk B'hek bdew jiddiskutu l-possibilita' ta' diviżjoni ta' l-istess soċjeta' iżda n-negozji sfumaw fix-xejn. Dan ħoloq sitwazzjoni ta' disgwid kbir bejn l-aħwa Mamo tant illi l-konvenut, unilateralment, minn jeddu u mingħajr ebda awtorizzazzjoni mill-kumpanija kif ukoll bl-ikbar mala fede ffirma diversi ċekkijiet u ħarighom mill-kumpanija għal benefiċċju peronali tiegħu.

Il-konvenut seraq ammont ta' flus sostanzjali mill-branches tal-kumpannija fl-ammont totali ta'€52,500.

Barra minn hekk, l-konvenut wkoll qiegħed jippreġudika l-kumpanija billi bbiddel l-password tal-email account tal-kumpanija kif ukoll qed jagħti struzzjonijiet u ordnijiet lil impjegati/konsulenti ta' l-istess kumpanija mingħajr l-involviment tad-diretturi/ azzjonisti l-oħrajn kif ukoll kontra xewqithom. Għalhekk il-kumpannija Simon Mamo Limited qiegħda tapplika l-proċeduri rilevanti sabiex l-konvenut jitneħħa bħala direttur tal-kumpanija;

L-aġir tal-konvenut qiegħed jikkaġuna danni kbar fil-konfront tas-soċjeta' Simon Mamo Limited, tant illi qiegħda ssibha diffiċli biex topera u timpjega nies ġodda, qiegħda titlef l-impjegati, m'għandhiex aċċess għall-infurmazzjoni kruċjali għat-tmexxija tagħha kif ukoll tilfet relazzjoni mal-provditur tas-servizzi relatat mal-website tagħha. Sofriet ukoll telf arbitrarju ta' €52,500;

Talbet lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi l-kumpanija Simon Mamo Limited, sofriet telf ta' €52,500 minħabba l-aġir tal-konvenut Jerome Mamo;
2. Tillikwida d-danni ta' €52,500 favur l-istess kumpanija Simon Mamo Limited, bl-imgħax sad-data tal-pagament effettiv;

3. Tiddikjara illi l-aġir tal-konvenut fil-konfront tal-kumpanija huwa abbużiv u arbitrarju u m'għandux ikompli;
4. Tordna lill-konvenut sabiex jagħti aċċess lejn l-email account u kull tip ta' infurmazzjoni oħra li approprja illegalment, lura lejn il-kumpanija Simon Mamo Limited;
5. Tagħti kull rimedju lill-kumpanija, Simon Mamo Limited li jidhrilha xierqa taħt iċ-ċirkostanzi;

Rat li l-konvenut ġie nnotifikat bil-proċedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni iżda ma ppreżenta l-ebda risposta għalhekk waqa' fi stat ta' kontumaċja. Ingħata 10 ijiem żmien biex jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu skont il-liġi iżda naqas milli jagħmel dan;

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' Marcus Mamo u ta' Hugo Mamo;

Rat li l-kawża ġiet iddifferita għas-sentenza għallum;

Rat li s-soċjeta` attriċi ippruvat il-premessi in sostenn tat-talbiet tagħha;

**Decide:**

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:**

1. Tiddikjara illi l-kumpanija Simon Mamo Limited, sofriet telf ta' €52,500 minħabba l-aġir tal-konvenut Jerome Mamo;
2. Tikkundanna lill-istess konvenut biex iħallas lis-soċjeta` attriċi d-danni hekk likwidati fis-somma ta' €52,500 bl-imgħax mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-pagament effettiv;

3. Tiddikjara illi l-aġir tal-konvenut fil-konfront tal-kumpanija huwa abbużiv u arbitrarju u m'għandux ikompli;
4. Tordna lill-konvenut sabiex fi żmien tmint ijiem jagħti access lill-attriċi għall-email account u jirritorna kull tip ta' informazzjoni oħra li approprja illegalment, lura lejn il-kumpanija Simon Mamo Limited.

Bl-ispejjeż a kariku tal-konvenut.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA